AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR172454, Press Release Issue Date: Nov 02, 2017

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002 u r-Rakkomandazzjoni tal-UE 2013/647/UE, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika jinforma lill-pubbliku li wara informazzjoni li rċieva mill-kumpanija involuta, il-prodott imsemmi m'għandux jiġi kkunsmat minħabba l-possibilità ta' kristalli tal-melħ imsejħa *struvite*.

Dawn il-kristalli jiffurmaw b'mod naturali waqt il-produzzjoni ta' prodotti tal-ħut fil-laned minħabba reazzjoni bejn il-proteini fil-prodott u l-ilma baħar. Dawn il-kristalli jistgħu jidhru qishom biċċiet tal-ħġieġ u jistgħu jkunu l-kawża ta' xi grif.

| | |
|---|---|
| **Isem tal-Prodott:** | Klamari fiż-żejt bit-togħma ta' tewm jew ta' paprika |
| **Deskrizzjoni tal-maħfen:** | Landa |
| **Ditta:** | Sol & Mar |
| **Data tad-Durabilità:** | 31.12.2023 |

Il-kumpanija involuta ddikjarat li parti mill-konsenja laħqet inbiegħet, għaldaqstant id-Direttorat hu obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku.

Għal aktar informazzjoni l-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq in-numru tat-telefon 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat *email* fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab f'Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku hu ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq http://health.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx għal informazzjoni simili.

pr172454a.jpg

pr172454b.jpg